

Brussell, 28 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10642/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0265 (COD)

FSTR 40
FC 35
REGIO 51
SOC 454
AGRISTR 45
PECHE 249
CADREFIN 131
POLGEN 113
CODEC 1195

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 498 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 498 final.

Mehmuż: COM(2018) 498 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.6.2018
COM(2018) 498 final

2018/0265 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

L-għan tal-proposta huwa li jiġu adattati l-ammonti tar-riżorsi disponibbli għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea stipulati fl-Artikoli 91(1) u 92(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013¹ u d-disaggregazzjoni annwali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn riflessi fl-Anness VI ħalli jiġu riflessi l-bidliet fil-programmazzjoni finanzjarja tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ('YEI'). B'mod aktar speċifiku, f'konformità mal-baġit adottat għall-2018, l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokkazzjoni speċifika għall-YEI jenħtieġ li jizdedu b'ammont ta' EUR 116,7-il miljun, li jtella' l-ammont totali għall-2018 għal EUR 350 miljun. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2020 ġew aġġustati biex jirriflettu l-forniment minn qabel għall-2018.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu kkoreġuti xi żbalji fir-rigward tal-ammonti u tal-perċentwali tar-riżorsi għall-mira tal-Investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi stipulati fil-punt (2)(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2017/2305, li jemenda l-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija r-risultat tad-deċiżjoni baġitarja tal-2018.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Ir-rieżami jirrifletti l-forniment minn qabel tar-riżorsi għall-allokkazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) fil-baġit tal-UE tal-2018.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija limitata għall-aġġustamenti tekniċi neċessarji.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320), Kif emdat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1).

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: emenda tar-regolament attwali.

Il-Kummissjoni esplorat l-ambitu għall-immanuvrar provdut permezz tal-qafas legali u tqis li huwa neċessarju li tipproponi emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma kien hemm l-ebda valutazzjoni ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma kienx hemm konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din mhijiex inizzjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta m'għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Hemm bidliet fl-appropriazzjonijiet ta' impenn li jirriżultaw minn forniment minn qabel għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2018 jenħtieġ li jiżdiedu b'EUR 116,7-il miljun fi prezzijiet attwali u l-ammont għall-2020 jenħtieġ li jitnaqqas bl-istess ammont.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-proposta huwa li jiġu adattati l-ammonti tar-riżorsi disponibbli għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea stipulati fl-Artikoli 91(1) u 92(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u d-disaggregazzjoni

annwali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn riflessi fl-Anness VI ħalli jiġu riflessi l-bidliet fil-programmazzjoni finanzjarja tal-YEI. B'mod aktar speċifiku, f'konformità mal-baġit adottat għall-2018, l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokkazzjoni speċifika għall-YEI jenħtieġ li jiżdiedu b'ammont ta' EUR 116,7-il miljun, li jtella' l-ammont totali għall-2018 għal EUR 350 miljun. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2020 ġew aġġustati biex jirriflettu l-forniment minn qabel għall-2018.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu kkoreġuti xi żbalji fir-rigward tal-ammonti u tal-perċentwali tar-riżorsi għall-mira tal-Investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi stipulati fil-punt (2)(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2017/2305, li jemenda l-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

L-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, kif emendat mir-Regolament (UE) 2017/2305 jgħid:

"1. Ir-riżorsi għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jammontaw għal 96,09 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 317 103 114 309) u għandhom jiġu allokatu kif ġej:

- (a) 48,64 % (jiġifieri, total ta' EUR 160 498 028 177) għar-reġjuni anqas żviluppatti;
- (b) 10,19 % (jiġifieri, total ta' EUR 33 621 675 154) għar- reġjuni ta' tranżizzjoni;
- (c) 15,43 % (jiġifieri, total ta' EUR 50 914 723 304) għar- reġjuni aktar żviluppatti;
- (d) 20,01 % (jiġifieri, total ta' EUR 66 029 882 135) għall-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni;
- (e) 0,42 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 378 882 914) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u reġjuni tan-NUTS livell 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.”;

Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tinqara b'mod korrett kif ġej u jenħtieġ għalhekk tiġi kkoreġuta:

"1. Ir-riżorsi għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jammontaw għal 96,09 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 317 073 545 392) u għandhom jiġu allokatu kif ġej:

- (a) 51,52 % (jiġifieri, total ta' EUR 163 359 380 738) għar-reġjuni anqas żviluppatti;
- (b) 10,82 % (jiġifieri, total ta' EUR 34 319 221 039) għar- reġjuni ta' tranżizzjoni;
- (c) 16,33 % (jiġifieri, total ta' EUR 51 773 321 432) għar- reġjuni aktar żviluppatti;
- (d) 20,89 % (jiġifieri, total ta' EUR 66 236 030 665) għall-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni;
- (e) 0,44 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 385 591 518) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u reġjuni tan-NUTS livell 2 li

jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.”

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ emenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li, fost l-oħrajn, fir-rigward tar-riżorsi allokat għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.
- (3) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018⁶ emenda l-programmazzjoni finanzjarja għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ('YEI') billi żid l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI b'ammont ta' EUR 116,7-il miljun fi prezzijiet attwali u l-ammont globali ta' appropriazzjonijiet ta' impenn għall-YEI fl-2018 għal EUR 350 miljun fi prezzijiet attwali.

² OJ C [...], [...], p. [...].

³ OJ C [...], [...], p. [...].

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1).

⁶ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

- (4) L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2020 jenħtieġ li jiġu aġġustati 'l isfel biex jirriflettu l-forniment minn qabel għall-2018. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Meta l-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2305, ċerta *data* finanzjarja mniżżla fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/2305 kienet żbaljata. Dik id-*data* finanzjarja jenħtieġ li tinbidel bid-*data* korretta. Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 jenħtieġ għalhekk li jiġi kkoreġut skont dan,
- (6) Minħabba l-urġenza li l-programmi li jappoġġaw il-YEI jiġu emendati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 91, il-paragrafu 1 hu ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perjodu 2014 - 2020 għandhom ikunu ta' EUR 329 982 345 366 fi prezzijiet tal-2011, f'konformità mad-diżaggregazzjoni annwali stabbilita fl-Anness VI, li minnhom EUR 325 938 694 233 jirrappreżentaw ir-riżorsi globali allokatu għall-FERŻ, għall-FSE u għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 4 043 651 133 jirrappreżentaw allokazzjoni speċifika għall-YEI. Għall-finijiet ta' programmazzjoni u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, l-ammont tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandu jkun indiciżżat għal 2 % kull sena.";
- (2) fl-Artikolu 92, il-paragrafu 5 hu ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-riżorsi għall-YEI għandhom jammontaw għal EUR 4 043 651 133 mill-allokazzjoni speċifika għall-YEI u mill-inqas EUR 4 043 651 133 mill-investiment immirat tal-FSE.";
- (3) L-Anness VI jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa kkoreġut kif ġej:

fl-Artikolu 92, il-paragrafu 1 hu ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riżorsi għall-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jammontaw għal 96,09 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 317 073 545 392) u għandhom jiġu allokatu kif ġej:

- (a) 51,52 % (jiġifieri, total ta' EUR 163 359 380 738) għar-regġuni anqas żviluppati;
- (b) 10,82 % (jiġifieri, total ta' EUR 34 319 221 039) għar-regġuni fi tranżizzjoni;
- (c) 16,33 % (jiġifieri, total ta' EUR 51 773 321 432) għar-regġuni aktar żviluppati;
- (d) 20,89 % (jiġifieri, total ta' EUR 66 236 030 665) għall-Istati Membri sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni;
- (e) 0,44 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 385 591 518) bħala finanzjament addizzjonali għar-regġuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u għar-regġuni tan-

NUTS livell 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ta' ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati
- 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

1.2. Qasam/oqsm ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ta' ABM/ABB⁷

4 Impjiegi, affarijiet soċjali u inklużjoni

04 02 60 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

04 02 61 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

04 02 62 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI)

13 Politika Reġjonali u Urbana

13 03 60 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

13 03 61 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

13 03 62 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

13 03 63 - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

13 03 64 01 - Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni territorjali Ewropea

13 04 60 — Fond ta' Koeżjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni ta' tħejjija**⁸

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

⁷ ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4. **Objettiv(i)**

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Mhux applikabbli

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Nru tal-objettiv speċifiku

Mhux applikabbli

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Mhux applikabbli

1.4.3. *Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.

Mhux applikabbli

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Mhux applikabbli

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew twila*

Mhux applikabbli

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Mhux applikabbli

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Mhux applikabbli

1.5.4. *Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Mhux applikabbli

1.6. **It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju**

Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2017 sal-31/12/2023

– Impatt finanzjarju fl-2017 - 2020

Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁹**

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

⁹ Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża** mill-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu ddelegati:
 - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi li huma ħatru;
 - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
 - lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
 - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
 - lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;
 - korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.
 - *Jekk tindika iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux applikabbli

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-ġestjoni u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux applikabbli

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Mhux applikabbli

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Mhux applikabbli

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

Mhux applikabbli

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarja.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./mh ux diff ¹⁰ .	minn pajjiżi tal-EFTA ¹¹	mingħand il-pajjiżi kandidati ¹²	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1 Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv	04 02 60 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					
	04 02 61 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					
	04 02 62 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					
	04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI)					
	13 03 60 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	Diff.	LE	LE	LE	LE
	13 03 61 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					
	13 03 62 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					
13 03 63 - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir						

¹⁰ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹¹ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹² Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

u l-impjegi 13 03 64 01 - Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni territorjali Ewropea 13 04 60 — Fond ta' Koeżjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi					
--	--	--	--	--	--

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarja.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./Mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokkazzjoni speċifika għall-YEI għall-2018 jenħtieġ li jiżdedu b'EUR 116,7-il miljun fi prezzijiet attwali u l-ammont għall-2020 jenħtieġ li jitnaqqas bl-istess ammont. L-appropriazzjonijiet ta' pagament ġew aġġustati skont dan.

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

EUR, fi prezzijiet attwali

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 1	Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv
--	------------	---------------------------------

DG: EMPL, REGIO			2014	2015	2016	2017	2018 ¹³	2019	2020	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali										
	Impenji									
Ib: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	04 02 60 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	(1)				237 320 881	242 067 299	246 908 645	251 846 817	978 143 642
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni	04 02 61 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi					251 466 089	256 495 412	261 625 320	266 857 826	1 036 444 647

¹³ F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 il-prefinanzjament għandu jkun ġustifikat (approvat) bin-nefqa tal-Inizjattiva YEI iddikjarata sal-31/12/2018.

					87 329 881	89 076 479	90 858 008	92 675 169	359 939 537
	04 02 62 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi				500 000 000	350 000 000	233 333 333	116 666 667	1 200 000 000
	04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI)				237 320 880	242 067 299	246 908 645	251 846 645	978 143 469
	13 03 60 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi				251 466 089	256 495 411	261 625 320	266 857 826	1 036 444 646
	13 03 61 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi				87 329 881	89 076 479	90 858 009	92 675 168	359 939 537
	13 03 62 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi				-26 071 285	-26 592 711	-27 124 565	-27 667 056	-107 455 617
	13 04 60 — Fond ta'								

	Koeżjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi									
--	---	--	--	--	--	--	--	--	--	--

Pagamenti									
04 02 60 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi						25 285 013	50 887 923	108 495 693	184 668 629
04 02 61 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi						26 792 094	53 921 033	114 962 440	195 675 567
04 02 62 – Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi	(2)					9 304 437	18 725 854	39 924 494	67 954 785
04 02 64 – Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI)					85 000,000 tunnellati	329 000 000	231 000 000	175 000 000	820 000 000
13 03 60 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali (FEŻR) – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment						25 285 013	50 887 923	108 495 693	184 668 629

	għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi					26 792 094	53 921 033	114 962 440	195 675 567
	13 03 61 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi					9 304 437	18 725 854	39 924 493	67 954 785
	13 03 62 – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi								
	13 03 63 - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjegi								
	13 03 64 01 - Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni territorjali					-2 777 728	-5 590 378	-11 918 977	-20 287 083

	Ewropea									
	13 04 60 — Fond ta' Koeżjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi									
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹⁴										
Mhux applikabbli		(3)								
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ EMPL, REGIO	Impenji	=1+ 1a +3				1 626 162 416	1 498 685 668	1 404 992 715	1 311 759 062	5 841 599 861
	Pagamenti	=2+ 2a +3				85 000 000	448 985 360	472 479 242	689 846 276	1 696 310 879

•TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	(5)	0							
•TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0	0	0	0	0	0	0	0
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0	0	0	0	0	0	0	0
	Pagamenti	=5+ 6	0							0

¹⁴ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

•TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
•TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
Approprjazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6								
	Pagamenti	=5+6	0							0

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DG: <.....>							
•Riżorsi umani							
•Nefqa amministrattiva oħra							
TOTALI DĠ <....>	Approprjazzjonijiet						

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5	(Impenji totali = Pagamenti totali)							
--	-------------------------------------	--	--	--	--	--	--	--

tal-qafas finanzjarju pluriennali									
-----------------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ¹⁵	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
Approprjazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

¹⁵ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal snin daqskemm ikun meħtiegħ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUT																	
	Tip ¹⁶	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁷ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Sottotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Sottotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

¹⁶ L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁷ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹⁸	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtiegħ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)				TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	--	--	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Riżorsi umani									
Nefqa amministrattiva oħra									
Sottotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali									

'Il barra mill- INTESTATURA 5¹⁹ tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Riżorsi umani									
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva									
Subtotal 'il barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali									

TOTAL									
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtiegħa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b' appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikunu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

¹⁸ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

¹⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin daqske mm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)								
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)								
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)²⁰								
XX 01 02 01 (AC, ENS, INT mill-"pakkett globali")								
XX 01 02 02 (AC, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 04 yy²¹	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)								
TOTAL								

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun ġie ridistribwit fid-DĠ, u jekk ikun hemm bżonn, flimkien ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

²⁰ AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; ENS = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

²¹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament						
Approprijazzjonijiet TOTALI kofinanzjati						

3.3. **Stima tal-impatt fuq id-dħul**

- Il-proposta/l-inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq l-introjtju mixxellanju

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/l-inizjattiva ²²					Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3		
Artikolu							

Għad-dħul mixxellanju 'assenjat', speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

²² Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.